C/2024/3940

18.6.2024

# Avviż għall-attenzjoni tal-persuna soġġetta għall-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/231/PESK, kif implimentata bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2024/1729, u fir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 356/2010, kif implimentat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2024/1724 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Somalja

(C/2024/3940)

L-informazzjoni li ġejja qed tingħieb għall-attenzjoni tal-persuna li tidher fl-Anness I tad-Deċiżjoni 2010/231/PESK ([1]), kif implimentata bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (PESK) 2024/1729 ([2]), u fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 356/2010 ([3]), kif implimentat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/1724 ([4]) dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Somalja.

Fil-21 ta' Mejju 2024, il-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti (KSNU) stabbilit skont ir-Riżoluzzjoni 751 (1992) tal-KSNU approva ż-żieda ta' persuna waħda mal-lista ta' persuni u entitajiet soġġetti għal miżuri restrittivi.

Il-persuna kkonċernata tista' fi kwalunkwe ħin tressaq talba lill-Kumitat tan-Nazzjonijiet Uniti stabbilit skont ir-Riżoluzzjoni 751 (1992), flimkien ma' kwalunkwe dokumentazzjoni ta' ġustifikazzjoni, biex id-deċiżjoni li tiġi inkluża fil-lista tan-Nazzjonijiet Uniti tiġi rieżaminata. Din it-talba għandha tintbagħat fl-indirizz li ġej:

Focal Point for De-listing
Security Council Subsidiary Organs Branch
Room DC2 2034
United Nations
New York, N.Y. 10017
United States of America
Tel.: +1 917 367 9448
Fax: +1 212 963 1300
Posta elettronika: delisting@un.org

Għal aktar informazzjoni, ara: https://www.un.org/securitycouncil/sanctions/delisting/delisting-requests

B'segwitu għad-deċiżjoni tan-NU, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea ddetermina li l-persuna indikata min-NU għandha tiġi inkluża fil-listi ta' persuni u entitajiet li huma soġġetti għal miżuri restrittivi previsti mid-Deċiżjoni 2010/231/PESK u r-Regolament (UE) Nru 356/2010. Ir-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista tal-persuna kkonċernata jinsabu fl-entrata korrispondenti tal-Anness tad-Deċiżjoni tal-Kunsill u tal-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill.

Qed tingħibed l-attenzjoni tal-persuna kkonċernata dwar il-possibbiltà li tressaq talba quddiem l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat(i) Membru/i rilevanti kif indikat fuq is-siti web fl-Anness II tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 356/2010, sabiex tinkiseb awtorizzazzjoni biex il-fondi ffriżati jintużaw għal ħtiġijiet bażiċi jew pagamenti speċifiċi (ara l-Artikolu 5 tar-Regolament).

Il-persuna kkonċernata tista' tressaq talba lill-Kunsill, flimkien mad-dokumentazzjoni ta' ġustifikazzjoni, biex d-deċiżjoni li tiġi inkluża fil-listi msemmija hawn fuq tiġi rrieżaminata. Din it-talba għandha tintbagħat fl-indirizz li ġej:

Council of the European Union
General Secretariat
RELEX.1 Horizontal and Global Affairs
Rue de la Loi/Wetstraat 175
1048 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË
posta elettronika: sanctions@consilium.europa.eu

Qed tingħibed l-attenzjoni tal-persuna kkonċernata anke għall-possibbiltà li tikkontesta d-Deċiżjoni tal-Kunsill quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea, f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 275, it-tieni paragrafu, u l-Artikolu 263, ir-raba' u s-sitt paragrafu, tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

([1]) ĠU L 105, 27.4.2010, p. 17.
([2]) ĠU L, 2024/1729, 17.6.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2024/1729/oj.
([3]) ĠU L 105, 27.4.2010, p. 1.
([4]) ĠU L, 2024/1724, 17.6.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2024/1724/oj.